MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 156/1999/1

**Reverendu Monsinjur Dun Joseph Vella Gauci**

**v.**

**Dolindo Cassar**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Din hija decizjoni dwar appell interpost mill-konvenut Dolindo Cassar minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni

Generali, fl-20 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti ddecidiet hekk:
"Ghaldaqstant u ezaminati l-artikoli esebiti in atti, b'referenza ghall-artikolu *de quo*, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta' u tiddisponi mill-kawza billi fil-waqt li qeghda tilqa' t-talbiet tal-attur qeghda konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala kumpens is-somma ta' Lm1000. Tikkundannah ukoll ghall-ispejjez tal-kawza."

1.2. Il-konvenut appellant qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza moghtija bic-cahda tat-talbiet attrici u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

1.3. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qeghda tigi hawn taht riprodotta *in toto*.
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni tal-attur li tghid:

"Illi fil-harga tat-Times of Malta tad-19 ta' Lulju 1999 fl-ghaxar (10) pagna tal-istess harga gie ppublikat artikolu li jgib il-firma tal-konvenut, Dolindo Cassar;

"Illi fit-tielet paragrafu ta' l-istess artikolu li jibda "Mgr.Vella Gauci's methods…." filwaqt li jpoggi lill-attur fil-posizzjoni ta' giddieb u ta' min ma jafdahx, jaghmel insinwazzjonijiet li joffendu;

"Illi l-artikolu kollu huwa intenzjonat li jaghti malafama lill-attur billi jattribwilu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku specjalment lejn it-tmiem tal-istess artikolu fejn l-istess konvenut jidher li jrid jattribwixxi certi fatti precizi ghall-fatt li l-attur jokkupa l-kariga ta' Arcipriet tal-Kattidral ta' Ghawdex;

"Illi l-attur ghandu interess li jittutela ismu u giehu;

"Talab ghalhekk ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

“1. tiddikjara li l-artikolu stampat fil-harga tat-“Times of Malta” tad-19 ta’ Lulju 1999 taht it-titolu “Letting off of fireworks from the Citadel” u iffirmat mill-konvenut riprodott bhala dok. A jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-attur;

“2. tiddikjara li l-konvenut huwa hati ta’ malafama;

“3. tillikwida l-kumpens xieraq dovut lill-attur in linja ta’ danni sofferti mill-istess attur in segwitu ghal din il-malafama;

“4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

“1. preliminarjament in-nuqqas t’integrita’ tal-gudizzju stante illi l-editur tal-gurnal “The Times” li ppublika l-artikolu in kwistjoni ma’ giex imharrek;

“2. subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu in kwistjoni bl-ebda mod m’hu malafamanti jew espona lill-attur ghar-ridikolu izda ried jirribatti l-bosta skorettezzi li ntqalu mill-attur fil-gimgha precedenti d-dehra tal-istess artikolu dwar il-kwistjoni tal-hruq tan-nar mic-Citadella, x’uhud mil-liema skorettezzi huma fin-natura taghhom malafamanti;

“3. illi l-artikolu in kwistjoni huwa fattwalment korrett u sar in ezercizzju tal-liberta’ ta’ l-espressjoni illi jgodi l-konvenut kemm fil-kapacita’ personali tieghu kif ukoll bhala president tas-socjeta’ filarmonika “La Stella” specjalment biex jirribatti l-attakki li saru b’mod massicc mill-attur u n-nies imqabbda minnu fil-jiem precedenti d-dehra ta’ l-istess artikolu;

“4. salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tal-Qorti differentement preseduta (folio 17) mil-liema jirrizulta wkoll li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;

“Rat is-sentenza preliminari taghha tat-2 ta’ Ottubru 2001 (folio 36 et seq) u n-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti li pprecedewha dwar l-inkompatibbilita’ bejn it-tieni u t-tielet eccezzjoni;

“Rat il-verbal taghha folio 95;

“Ezaminat ix-xhieda kompilata;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

“Ikkunsidrat:

“Illi jibda biex jinghad li l-konvenut f’din il-kawza ta’ libel nghata opportunita’ sufficjenti sabiex iressaq il-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjonijiet eccepiti. Palesament jirrizulta mill-atti li dan m’ghamlux u donnu ghazel li jistrieh fuq l-eccezzjonijiet tieghu u d-dikjarazzjoni guramentata u dettaljata tal-fatti annessa mal-istess. Issa, fis-sentenza preliminari taghha tal-21 ta’ Ottubru 2001, relatata ghall-kwistjoni jekk it-tieni u t-tielet eccezzjoni kienux kompatibbli – l-ewwel eccezzjoni giet irtirata – din il-Qorti kienet affermat li “dak li sostanzjalment eccepixxa l-konvenut hu: (a) li l-kitba mhux malafamanti; (b) li l-kitba hija fattwalment korretta, [ghalkemm] il-konvenut abbina ma’ dawn l-eccezzjonijiet dik tal-kompensazzjoni jew ritorsjoni….” b’dan illi f’dan l-istadju, fejn qieghed jigi kkunsidrat il-meritu, tali eccezzjonijiet tal-konvenut jistghu jigu kunsidrati f’dik tal-‘fair comment’ mehuda in konsiderazzjoni l-artikoli li pprecedew l-artikolu ‘de quo’ kunsidrat malafamanti mill-attur u li mhux kontestat nkiteb mill-konvenut u jirreferi specifikatament ghall-attur.

“Intant l-isfond tal-kitba de quo kienet l-kontroversja li fegget dwar jekk ghandux jigi permess li jsir sparar mic-Cittadella, ghal-liema l-attur kien qieghed jopponi bil-qawwa minhabba hsarat li kienet issofri l-istruttura tac-Citadella u l-artifici fiha, ghal-liema asserzjoni l-konvenut kien qieghed jirribatti bl-istess inezistenza hu u jsostni li l-permess li kien inhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-Kazin tal-Banda ‘La Stella’ kien limitat ghall-isparar ta’ ‘bukketti’ li ma kienx jikkostitwixxu ebda perikolu ta’ hsara. Il-konvenut, l-artikolista tal-artikolu ‘de quo’, kien dak iz-zmien jokkupa l-kariga ta’ President tal-Kazin imsemmi.

“Illi meta xehed l-attur quddiem din il-Qorti (xhieda folio 41 et seq) spiega li kien hassu ngurjat kemm minhabba t-tielet paragrafu li jibda bil-kliem “Monsignor Gauci Vella’ s methods …” u jispicca “Monsignor Vella Gauci” u kemm ghal dak li nghad fit-tmiem l-artikolu fir-rigward dak li x-xhud irrifera ghalihom bhala ‘sensiela’ (fin-numru ta’ erba) akkuzi diretti kontra tieghu. Dawn kienu fil-konfront: (i) ta’ sparar mhux awtorizzat ‘of powerful petards from the area known as *Tal-Klieb* on the citadel during his possessinon cermony’, li l-attur jichad; (ii) ta’ xoghol strutturali mhux awtorizzat fil-Kattidral biex jigi akkomodat lift fir-rigward liema l-Awtorita’ tal-Ippjanar kienet hadet azzjoni, li ghaliha  l-attur stqarr li l-istallazjoni ta’ lift ma kinitx taqa’ fir-responsabiltajiet tieghu bensi’ tal-Kapitolu li ghandu l-amministrazzjoni tal-Kattidral oltre li mhux minnu li l-Awtorita’ kienet harget enforcement notice; (iii) ta’ xoghol ta’ aperturi tal-aluminium mhux awtorizzat fil-Kattidral, ghal-liema l-attur irribatta fl-istess vena tat-tieni akkuza; (iv) ta’ kampanja ghall-arja ta’ parkegg f’*Tal-Klieb* u t-twaqqiegh ta’ kmamar ricenti l-ahhar elezzjonijiet, ghal-liema l-attur irribatta illi “hawnhekk mill-gdid rega’ allega bhal li kieku jiena kont il-bniedem responsabbli mit-twaqqiegh ta’ dawk il-kmamar…”.

“Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti m’ghandux ikun hemm dubbju li l-konvenut attribwixxa ‘misfatti’ lill-attur illi kienu superfluwi fil-kuntest tal-kontroversja dwar jekk ghandux isir sparar mic-Citadella u liema asserzjonijiet baqghu mhux sostanzjati anzi decizament michuda mill-attur u x-xhieda minnu prodotti almenu fil-konfront tas-‘sensiela ta’

attakki' ghaliex ghal dak li nkiteb fit-tielet paragrafu fuq riferit din il-Qorti mhux qeghdha tirrijavviza ebda malafama fih u se mai jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni. Jibqghu pero' s-'sensiela ta' attakki' li fihom gew attributi fatti determinanti li baqghu mhux sostanzjati u pruvati u li kwindi jikkostitwixxu malafama. Legalistikament d-difiza tal-'fair comment' ma tistax tirnexxi meta l-fatti kostitwenti jirrizultaw mhux pruvati. – "Il-fatt ghandu jigi pprovat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid jkun 'fair u bona fide' u ma jistax ikun 'fair u bona fide' jekk il-fatt attribwit..ma jkunx veru", *Qorti tal-Appell fil-kawza Miller v Scorey riportata Vol.XXXVI.iv.84.*

"Illi fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-kumpens l-Kap 248 thalli l-materja fid-diskrezzjoni assoluta tal-qorti li tista' tillikwida kumpens sa massimu ta' Lm5000. Jinghad li dan il-massimu ma kienx previst fil-gurnata meta deher l-artikolu inkriminanti fejn il-massimu kien ta' Lm2000. Ghalhekk hu ovvju li l-kumpens, f'kull kaz, ghandu jinzamm fil-parametri ta' l-ahhar limitu imsemmi.

"Ghaldaqstant u ezaminati l-artikoli esebiti in atti, b'referenza ghall-artikolu *de quo*, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta' u tiddisponi mill-kawza billi fil-waqt li qeghda tilqa' t-talbiet tal-attur qeghda konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala kumpens is-somma ta' Lm1000. Tikkundannah ukoll ghall-ispejjez tal-kawza."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti illi qeghdin elenkati u riportati in succint minn din il-Qorti kif gej:

(i) li l-ewwel Qorti kienet ilha zmien taf, qabel ma tat is-sentenza li l-avukat tal-appellant ma baqax jippatrocinah. Billi qatt ma nhadmet taxxa ufficjali, l-appellant "qatt ma seta' jinkariga avukat sabiex jirraprezentah gewwa l-Qorti", u b'hekk huwa "ma kellu ebda opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu minghajr l-assistenza ta' avukat biex

jiddefendieh." Ghalhekk ma kienx jidher li qeghda ssir gustizzja f'dan il-kaz fil-konfront tal-konvenut.

(ii) Bla pregudizzju ghas-suespost, ma hemm ebda element li jammonta ghal malafama f'dak li gie miktub billi "tali artikolu ma huwiex ghajr espozizzjoni tal-fatti liema fatti huma ben saputi u maghrufa ma' kulhadd".

(iii) L-attur illum ma baqghalu ebda interess fil-kawza billi m'ghadux jokkupa l-kariga li kellu ta' Arcipriet fil-Kattidral ta' Ghawdex.

(iv) Finalment, u dejjem bla pregudizzju, il-*quantum* tad-danni huwa eccessiv ferm, tenut kont tan-natura u l-kliem li gie uzat, kif ukoll li dak li nkiteb ma kienx intiz biex jarreka hsara u/jew jaghti malafama lill-attur.

Ghalhekk l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza appellata, bic-cahda tat-talbiet tal-atturi, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-ATTUR APPELLAT</u>**

3.1. L-attur appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

3.2. Jissottometti li l-pregudizzjali sollevati mill-appellant huma infondati.

Il-kwistjoni dwar ir-rinunzja tal-patrocinju tal-legali tal-konvenut u l-hatra ta' avukat iehor minfloku "ma tintralcjax fuq il-prosegwiment u r-regolarita` ta' dan il-gudizzju u lanqas ma tincidi fuq il-mertu tal-kawza". Skond l-attur appellat, ma saret ebda ingustizzja fis-smiegh tal-kawza fil-konfront tal-konvenut. Kien hu li naqas milli jgib il-provi tieghu u dan ripetutament.

3.3. Fil-meritu, l-artiklu *de quo* imur ferm oltre minn semplici espozizzjoni ta' fatti, billi "jattribwixxi lill-attur fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu". Il-fatt li l-attur ma baqax aktar Arcipriet tal-Kattidral ma kien

jinfluwixxi xejn fuq il-hsara u l-malafama li diga` giet kommessa lill-appellat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Din hija kawza ta' malafama permezz ta' stampat, maghrufa bhala kawza ta' libell, li giet istitwita mill-attur in konsegwenza ta' artiklu mitbugh fil-gurnal bl-Ingliz *Times of Malta* in data tad-19 ta' Lulju 1999. L-ewwel Qorti qieset u rriteniet dan l-artiklu bhala wiehed ingurjuz u kkundannat lill-konvenut, bhala l-awtur tal-artiklu malafamanti, li jhallas danni li hija llikwidat fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000), illum ekwivalenti ghas-somma ta' (€2,329.37c) elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin euro centezmi.

5. Fil-bidu tal-appell tieghu, il-konvenut appellant jissolleva pregudizzjali derivanti mill-fatt li, skond hu, gie impedut milli jkun assistit minn avukat biex jiddifendieh in sostituzzjoni tal-avukat li kellu qabel, u b'hekk allura spicca ma ressaq ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u lanqas ghalhekk ma saret gustizzja mieghu.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti hija assolutament konvinta li l-konvenut huwa skorrett ghall-ahhar dwar dawn il-"pregudizzjali". Waqt it-trattazzjoni orali tal-appell, anzi, l-appellant kwazi ried jaghti lil din il-Qorti x'tifhem li din is-sentenza giet fuqu bhal sajjetta fil-bnazzi, fis-sens li kienet sorpriza ghalih. Issa jekk wiehed jara l-atti tal-kawza bil-galbu jsib differiment wara iehor u opportunitajiet ripetutament injorati mill-parti konvenuta biex hija tressaq il-provi taghha imma inutilment. Minn barra dan, jekk kien hemm xi forma ta' *impasse* dwar hrug ta' taxxa *pendente lite* jew xi nuqqas ta' korrettezza professjonali min-naha tal-avukat li qabel kien jippatrocinah, b'mod li dan l-istat ta' fatt kien qieghed jincidi fuq l-andament tal-kawza, <u>lanqas</u> li seta' jaghmel il-konvenut kien dak li jinforma lill-Qorti li kienet qeghda tisma' l-kawza b'tali cirkustanza. Minflok, il-konvenut jidher li ghazel it-triq tan-nonkuranza, billi ma jaghti kaz xejn izjed mill-andament tal-kawza migjuba kontrieh sakemm din, finalment, spiccat biex marret ghas-

sentenza. Tajjeb li jinghad li anke meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza, l-ewwel Qorti tat mill-inqas zewg differimenti qabel ma ghaddiet ghall-prolazzjoni taghha. Dwar opportunitajiet biex il-konvenut iressaq il-provi tieghu, kien hemm specifikament seduta wahda partikolari, dik jigifieri tal-10 ta' Ottubru 2003 (ara verbal, a fol. 49 tal-process) fejn jidher li l-ewwel Qorti allokat lill-konvenut hin ta' siegha u nofs bl-appuntament ghad-data tal-5 ta' Marzu 2004 biex huwa jgib il-provi tieghu, izda ma jidhirx li l-appellant uzufruwixxa ruhu minn tali appuntament. Jirrizulta inoltre li in data tal-20 ta' Settembru 2004, il-konvenut kien intavola rikors biex jingungi b'xhud tieghu lill-Arcidjaknu tal-Katidral t'Ghawdex Monsinjur Giovanni Gauci, li fil-fatt xehed fl-1 ta' Ottubru 2004. Dan qieghed jinghad ukoll ghar-raguni li waqt it-trattazzjoni orali tal-appell id-difensur (gdid) tal-konvenut bhal donnu ried jaghti l-impressjoni li l-artiklu *de quo* wara kollox lanqas inkiteb (!) mill-konvenut, b'mod li dan sab ruhu mdeffes fin-nofs bla ma kellu xi tort. Din l-asserzjoni, pero`, bl-ebda mod ma tista' remotament tittiehed b'serjeta` tenut kont ta' dak li hemm espost fin-nota ta' eccezzjonijiet pprezentata u mahlufa (ara d-dikjarazzjoni akkompanjanti l-istess nota) mill-konvenut innifsu. Jekk imbaghad il-konvenut deherlu li ghal dak li inkorra kien b'xi mod jahti ghalih l-avukat tieghu precedenti, din hija kwistjoni li, kif tajjeb gie argumentat mill-kontroparti appellata, la setghet tintralcja u lanqas tfixkel il-prosegwiment tal-kawza minimament, jew li b'xi mod iehor ma kienet tincidi fuq il-mertu.

Ghalhekk dawn l-hekk imsejha "pregudizzjali" huma privi minn kull fondament u qeghdin jigu respinti.

6. L-appellant fil-mertu ghadu jinsisti li ma kien hemm xejn malafamanti f'dak li kiteb. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tahsibhiex bhalu. L-artiklu *de quo* huwa mifrux fuq pagna u nofs tal-gurnal imsemmi u miktub b'titlu migjub b'certa prominenza taht il-firma ta' "Dolindo Cassar, President, La Stella Band Club". Fih huwa jsejjah il-metodi adoperati mill-attur appellat *qua* Arcipriet tal-Kattidral dwar l-isparar ta' loghob ta' nar mic-Cittadella bhala "extremely unorthodox".

L-artikolista jikteb li kien hemm okkazjonijiet ohrajn simili fejn gie sparat loghob tan-nar minn postijiet storici u fejn pero` jirrizulta li l-attur “expressed no concern about the observance of the Cathedral ‘frescoes’”.

L-awtur ikompli jghid li l-attur kiteb u nqeda b’incident sfortunat li sehh fi Triq ir-Repubblika, fil-belt ta’ Victoria (Ghawdex) bl-iskop “to campaign for the prohibition of the letting off Roman candles from the Citadel”. Immedjatament wara din l-asserzjoni, il-kittieb jghaddi biex isemmi erba’ (4) fatti specifici fejn saru hwejjeg “unauthorised” konnessi b’xi mod mal-Kattidral u fejn pero` ma jidhirx li l-attur ha xi inizjattiva dwarhom biex ma jsirux. Ir-rizultat kien dak li, bl-intromissjoni tal-attur, l-atmosfera li bdiet bil-mod tevolvi biex ir-rivalita` tradizzjonali ezistenti bejn iz-zewg baned ta’ Victoria ssir anqas akuta u tassumi xehta aktar trankwilla u civilizzata, issa invece gara illi “the atmosphere has since been poisoned by the opposition to the letting off of these innocuous fire-works from the Citadel as well as other incidents which do little credit to the people of Victoria”. Kjarament, dan il-kumment finali huwa dirett ghall-agir oppozitorju tal-attur. Issa, filwaqt li l-attur xehed u tella’ xhieda tieghu biex juri kif hu m’ghamel xejn wahdu jew kontra r-rieda tas-superjuri ekklezjastici tieghu, oltre li cahad li ghamel jew kien responsabbli mill-erba’ fatti li gew attribwiti lilu fl-artiklu *de quo*, il-konvenut min-naha tieghu, ghajr dak illi espona man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, baqa’ m’ghamel xejn izjed biex isostni dak li asserixxa. Kwindi, fic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li l-kitba *de quo* kienet wahda ingurjuza u malafamanti fil-konfront tal-attur, tenut ukoll kont tal-atmosfera “tahraq” li fiha kien jaqdi l-missjoni pastorali tieghu l-attur.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa similment infondat u qed jigi respint.

7. L-appellant jipprova mbaghad jiehu spunt, in proprja difesa, mill-fatt li fil-prezent l-attur ma baqax jokkupa l-

kariga arcipretali li kellu fiz-zmien li nkiteb l-artiklu *de quo* u kwindi l-ingurja ma baqghetx tissussisti.

Bir-rispett kollu, ankorke` l-attur m'ghadux arcipriet tal-Kattidral, tali stat ta' fatt m'ghandu jkollu ebda rifless ghal xi haga li avverat ruhha fil-passat. Il-malafama saret meta huwa kien ghadu jokkupa dik il-kariga u ghalhekk dan ir-ragjonament tal-konvenut ghal fini ta' diskolpa huwa altament frivolu.

8. L-ahhar aggravju jirreferi ghall-kwantum tad-danni li gew likwidati fl-ammont ta' Lm1000. Skond l-appellant, dan l-ammont huwa wiehed eccessiv.

Din il-Qorti ttendi li taqbel. Il-malafama f'dan il-kaz ma kienitx xi haga goffa u, *per di piu`* fil-kuntest tal-piki bla sens (li sfortunatament xi kultant jidhlu ghalihom anke sacerdoti) bejn baned u parrocci. F'dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li d-danni ma kellhomx jeccedu seba' mitt euro (€700), u ghalhekk f'dan is-sens biss qed tilqa' dan l-appell.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirriduci d-danni li l-konvenut ghandu jhallas, u li qed jigi hekk ikkundannat ihallas, ghas-somma ta' seba' mitt euro (€700), tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------